**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 403/2012**

**Illum: 6 ta' Mejju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Keith Falzon**
**(ID 287887(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Keith Falzon ta' 25 sena, iben Simon u Anna Maria nee` Debono, imwieled Pieta` nhar is-26 ta' Gunju 1987, residenti 79, Triq Melita, Paola u detentur tal-karta tal-identita` numru 287887M;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Settembru 2012 u fil-gimghat ta' qabel din id-data f'hinijiet u f'postijiet diversi madwar Malta:

1) Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fid-19 ta' Settembru 2012 u fis-sena ta' qabel din id-data f'hinijiet u f'postijiet diversi madwar Malta:

2) Ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement

emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-Registratur l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluz dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghex ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi waqt l-ezami tieghu[1], l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015, fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni rtirat l-aggravju tal-pussess tal-pjanta *cannabis*, b'dan ghalhekk illi din l-imputazzjoni issa tirreferi biss ghall-pussess semplici tal-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Skond ix-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin, nhar il-11 ta' Settembru 2012, huwa gie nfurmat minn Ufficjali tad-Dwana li kienu ghadhom kemm spezzjonaw pakkett, indikat bhala DVD, li mill-*xray machine*, irrizulta li kien jikkontjeni xi sustanzi organici. Dan

[1] A fol. 9 tal-process.

il-pakkett gie mghoddi lill-Ispettur Bondin u x'hin fethu, fil-presenza ta' PS 644 Evan Camilleri, irrizultalu li verament kien fih DVD, izda gewwa l-istess DVD, kien hemm ghaxar boroz u f'kull borza minn dawn, kien hemm zerriegha wahda li kienet indikata bhala *cannabis* bil-kelma '*femminised*'. Dwar dan il-pakkett u s-sejba in kwistjoni, gie nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa li ordna li ssir inkjesta u hatar lill-esperti PS 644 E. Camilleri u lix-Xjenzat Godwin Sammut sabiex jassistuh.[2] Il-pakkett kien indirizzat lil Keith Falzon fuq l-indirizz, 79, Triq il-Melita, Paola.[3] Nhar it-18 ta' Settembru 2012, l-Ispettur Bondin gie infurmat mill-Maltapost illi certu Keith Falzon (ID 287887(M)) kien mar il-posta, fejn staqsa ghal dan il-pakkett u li kien inghata struzzjonijiet sabiex jerga' jmur il-posta l-ghada. F'dan l-istadju, l-Ispettur Bondin talab lill-Magistrat Inkwirenti ghall-awtorizzazzjoni sabiex issir *controlled delivery* tal-istess pakkett, liema awtorizzazzjoni nghatat mill-Magistrat Inkwirenti fid-19 ta' Settembru 2012.[4] Nhar id-19 ta' Settembru 2012, waqt li WPC 23 Geraldine Buttigieg ghamlitha ta' mpjegata tal-Maltapost, l-istess Falzon ossia l-imputat odjern gabar dan il-pakkett mill-posta u hekk kif kien hiereg, gie mwaqqaf minn PC10 Trevor Cassar Mallia u PS 579 Antoine Micallef. Sussegwentement, saret tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat ossia 79, Triq Melita, Rahal Gdid, minn fejn gew elevati wiehed u ghoxrin borza b'sustanza suspettata *cannabis grass*, diversi oggetti relatati mal-abbuz tad-droga u kaxxa griza li kien fiha borza bi tracci ta' sustanza bajda. Saret ukoll tfittxija gewwa r-residenza tal-genituri tal-imputat gewwa San Gwann, fejn instabet sikkina bil-ponta mahruqa.[5] L-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghall-izjed investigazzjoni fejn fl-istess jum, huwa rrilaxxja stqarrija[6], u dan wara li nghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova, kif ukoll wara li huwa nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx.

Illi l-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ipprezenta zewg relazzjonijiet fil-mori ta' dawn il-proceduri – wahda a bazi tal-hatra tieghu tal-11 ta' Settembru 2012 mill-Magistrat Inkwirenti, dak iz-zmien il-Magistrat Dr. A. Mizzi fil-mori tal-inkjesta u

---

[2] Ara l-process verbal dwar din l-inkjesta esebit a fol. 29 tal-process.

[3] Ritratti ta' dan il-pakkett u tal-kontenut tieghu jinsabu esebiti a fol. 87 tal-process, formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri esebita a fol. 83 tal-process.

[4] Din l-awtorizzazzjoni tinsab esebita a fol. 33 tal-process.

[5] Ara x-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin, a fol. 16 *et seq* tal-process; ix-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef, a fol. 36 *et seq* tal-process; ix-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia, a fol. 39 *et seq* tal-process; ix-xhieda ta' WPC 23 Geraldine Buttigieg, a fol. 95 *et seq* tal-process u x-xhieda ta' Joseph Zammit, in rapprezentanza tal-Maltapost, li jghid illi l-pakkett kien wasal fl-4 ta' Settembru 2012 u gie mghoddi lid-Dwana biex jaghmlu l-verifiki taghhom, wara li dan ma setax jigi mqassam fl-indirizz li kien hemm fuq il-pakkett stante li l-istess indirizz ma kienx maghruf mal-pustier (a fol. 88 *et seq* tal-process).

[6] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 22 *et seq* tal-process

t-tieni wahda a bazi tan-nomina ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-10 ta' Ottubru 2012, fejn l-imsemmi espert gie nominat sabiex janalizza l-oggetti indikati fid-digriet li jgib l-istess data.[7] Skond l-ewwel relazzjoni[8], l-espert inghata dokument wiehed ghall-analizi u cioe` *evidence bag* li kien fih ghaxar pakketti tal-plastik trasparenti li kull wiehed kien fih zerriegha, hamsa mil-liema zerriegha ntuzaw ghall-analizi. Ukoll skond l-istess relazzjoni, fuq hames minn dawn l-ghaxar zerriegha, sar ezami ta' germinazzjoni u analizi ghall-presenza ta' *cannabis* fuq il-pjanti li jikbru. Skond il-konkluzjonijiet tal-istess espert:

a) Iz-zerriegha kollha (hamsa minn hamsa) irrizultaw pozittivi ghall-germinazzjoni;

b) Fuq estratti mehuda mill-pjanti nstabet is-sustanza *Tetrahyrdrocannabinol*, liema sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mit-tieni relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut[9] imbaghad jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu:

1. 21 borza li kull wahda kien fiha haxix ta' lewn ahdar u li skond it-*tag* annessa, gew elevati fid-19 ta' Settembru 2012, mill-gwardarobba gewwa 79, Triq il-Melita, Paola fil-presenza tal-imputat minn PS 579, PC 10 u WPC 23 – kodici tal-laboratorju 281_12_01;

2. *Grater*, kaxxa tal-plastik ta' lewn griz li kien fiha borza tal-plastik trasparenti bi trab ta' lewn abjad u sigarett u li skond it-*tag* annessa gew elevati fid-19 ta' Settembru 2012, mill-kamra tas-sodda gewwa 79, Triq il-Melita, Paola, fil-presenza tal-imputat minn PS 579, PC 10 u WPC 10 (jidher li din tal-ahhar kellha tkun WPC 23) – kodici tal-laboratorju 281_12_02;

3. Kaxxa tal-metall li fiha erba' boroz tal-plastik vojta, kaxxa tal-metall li fiha tliet sigaretti u karti tal-brim, li skond it-*tags* annessi gew elevati fid-19 ta' Settembru 2012, mill-kamra tas-sodda gewwa 79, Triq il-Melita, Paola, fil-presenza tal-imputat minn PS 579, PC 10 u WPC 23 – kodici tal-laboratorju 281_12_03;

[7] A fol. 14 u 15 tal-process.
[8] Din tinsab esebita bhala Dok. GS, a fol. 49 *et seq* tal-process.
[9] Esebita bhala Dok. GS1, a fol. 56 *et seq* tal-process.

4. Sikkina li skond it-*tag* annessa giet elevata fid-19 ta’ Settembru 2012, mill-kamra tas-sodda gewwa St. Joseph Flat 2, Triq il-Fuxa, San Gwann fil-presenza tal-imputat minn PS 579, PC 10 u WPC 23 – kodici tal-laboratorju 281_12_04.

L-istess espert ikkonkluda s-segwenti dwar dawn id-dokumenti:

a) Fl-estratti mehuda mill-haxix ta’ lewn ahdar (11 mehuda *at random*) fid-dokument 281_12_01 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis. Il-piz total tal-haxix huwa ta’ 17.41 grammi u l-purita` kienet ta’ cirka 5%;

b) Fl-estratti mehuda mit-trab ta’ lewn abjad fid-dokument 281_12_02, instabet is-sustanza kokaina. Il-piz total tat-trab kien ta’ 0.12 grammi u l-purita` kienet ta’ cirka 28%;

c) Fuq *swab* mehuda mill-*grater* fid-dokument 281_12_02 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis;

d) Fuq *swab* mehuda mis-sikkina fid-dokument 281_12_04 ma nstabitx droga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat bl-importazzjoni ta’ medicina perikoluza gewwa Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan b’referenza ghad-19 ta’ Settembru 2012 u l-gimghat ta’ qabel din id-data.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi dakinhar, huwa mar il-posta sabiex jigbor pakkett li ordna minn fuq l-*internet*, liema pakkett kien fih ghaxar zerriegha. Jghid illi dawn kien ordnahom xi tliet gimghat qabel, illi huwa xtara din iz-zerriegha mis-sit *pick and mix seed* u kien hallas €86 u li huwa kien ghazel ghaxar zerriegha differenti biex ma jkunux kollha l-istess. Jghid ukoll b’referenza ghal din iz-zerriegha li huwa kien ser jipprova jizra wahda, peress illi z-zerriegha ddum hajja, u jkabbar pjanta, juzaha u wara li tispicca, jkabbar ohra biex jevita li joqghod jixtri kull darba u li jixtri minghand in-nies. Dan wara li huwa spjega wkoll illi xi sena qabel, huwa kien beda jkabbar pjanta tal-*cannabis* u dan biex ma joqghodx jiehu s-sogru li jixtri l-*cannabis* minghand in-nies u jinqabad. L-imputat jispjega wkoll kif kien ser ikabbar iz-zerriegha u jghid illi huwa jiehu l-haxixa u l-

eroina, ghalkemm kien qed jipprova jaqta' l-vizzju.  Jikkonferma wkoll li l-pakkett li gie muri lilu kien proprju l-pakkett li gabar mill-posta dakinhar stess.

Fix-xhieda moghtija minnu f'dawn il-proceduri[10], imbaghad, l-imputat jghid illi huwa kien beda jpejjep il-*cannabis* ta' madwar sittax-il sena, li maz-zmien il-problema bdiet tikber u beda jonfoq hafna flus fuq il-*cannabis* u ghalhekk haseb li jgib iz-zerriegha minn fuq sit elettroniku, ghalkemm ma kienx jaf li kien qed jikser il-ligi b'dan.  Jikkonferma li huwa xtara ghaxar zerriegha minn fuq sit u ghazilhom differenti biex kull meta jizra wahda ma jkunux l-istess.  Jghid ukoll illi hallas xi €90 ghal din iz-zerriegha u ghalhekk kien ser jiffranka l-flus.  Jghid ukoll illi l-pjanti li kien ser ikabbar kienu ntizi ghall-uzu tieghu biss u li l-intenzjoni tieghu kienet li jizra zerriegha, tikber, juzaha u mbaghad jizra ohra u dan biex dejjem ikollu l-*cannabis* maz-zmien u ghalhekk ma joqghodx jixtri minghand in-nies. Jghid ukoll illi ghalkemm huwa kien diga` kkoltiva pjanta wahda qabel, huwa xtara din iz-zerriegha biex ikollu tip ta' *cannabis* ahjar u differenti ghaliex f'Malta dejjem ikun hawn l-istess tip ta' *cannabis.*

Mir-rizultanzi tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, m'hemmx dubbju illi hamsa mill-gharax zerriegha fil-pakkett migbur mill-imputat minn gewwa l-posta, liema pakkett kien indirizzat lilu fl-indirizz li fih, skond l-istqarrija tieghu, kien jorqod ta' spiss ghalkemm ir-residenza kienet tat-tfajla tieghu, kienet zerriegha germinabbli li pproduciet pjanti li fihom instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* u kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll fix-xhieda tieghu, huwa ammetta li huwa akkwista minn fuq sit elettroniku ghaxar zerriegha biex ikun jista' jkabbar il-pjanta tal-*cannabis*.  Skond l-istqarrija tieghu, dan l-akkwist huwa ghamlu xi tliet gimghat qabel id-data tal-istess stqarrija.

Ghaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat talli kkultiva l-pjanta *cannabis* u dan b'referenza ghad-19 ta' Settembru 2012 u s-sena ta' qabel din id-data.

Jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat illi meta gie mistoqsi dwar il-wiehed u ghoxrin pakkett bil-*cannabis*, misjuba gewwa l-fond 79, Triq Melita, Paola, l-imputat jghid illi madwar xi sena qabel gietu l-idea li jkabbar il-pjanta tal-*cannabis* biex ma joqghodx jiehu r-riskju li jixtri minghand in-nies u li kien zamm iz-zerriegha mill-

[10] A fol. 102 *et seq* tal-process.

*cannabis grass* li kien xtara biex jizraghha huwa stess ghall-uzu tieghu. Jghid ukoll illi wara li fittex fuq l-*internet* biex jara kif jista' jkabbar din il-pjanta, huwa kabbar pjanta fil-gwardarobba. Jispjega wkoll il-metodu u l-prodotti li kien uza biex kabbar din il-pjanta fuq perjodu ta' sitt xhur. Meta l-pjanta kibret, huwa qata' l-weraq taghha, nixxifhom u ppakjahom fil-pakketti li nstabu sabiex ma jinxfux. Jghid ukoll illi huwa kabbar pjanta wahda biss u li din kienet l-ewwel darba u li l-*cannabis* li ha minn din il-pjanta zammu kollu ghalih. Jghid illi huwa ghandu l-vizzju tal-haxixa u tal-eroina, illi l-ahhar darba li ha l-*cannabis grass* kien fil-jum ta' qabel, filghaxija u kien ilu jabbuza minn din id-droga xi tmien snin. Jghid illi jiehu l-*cannabis* billi jpejjipha f'sigarett. Jghid ukoll illi huwa qassam il-*cannabis* f'wiehed u ghoxrin borza u mhux f'borza wahda biex meta johrog jiehu pakkett zghir mieghu u anke biex din ma tinxifx.

Fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri, kif inghad izjed 'il fuq, l-imputat jghid illi huwa kien ilu jpejjep il-*cannabis* minn meta kellu xi sittax-il sena, u jghid illi fiz-zmien in kwistjoni, huwa kien kwazi dejjem ipejjep gramma f'gurnata. Dwar il-boroz bil-*cannabis* li nstabu fir-residenza tieghu, jghid illi dawn kienu mill-pjanta li kien kabbar u li kien kabbar pjanta wahda. Jghid illi din il-pjanta kabbarha biex ikun jista' jpejjep minnha u qasamha f'pakketti ghalih biex meta johrog ma jiehux mieghu ammonti kbar, kif ukoll biex dak li jhalli d-dar ma jinxiflux ghaliex inkella ma tibqax tajba. In kontro-ezami, huwa jghid illi din il-pjanta kien kabbarha qabel ma gab iz-zerriegha minn barra. Mistoqsi kemm hareg pakketti mill-pjanta li kkoltiva, huwa jghid li kien hareg xi tletin pakkett, ghalkemm huwa kien qasamhom bl-amment u ma jafx kemm kien fihom. Jghid illi ma jiftakarx kemm kien ghadda zmien minn meta ghamel il-pakketti sakemm gie arrestat, izda ma kienx ghadda hafna zmien u mistoqsi kemm kien lahaq ikkonsma minn dawn il-pakketti, qal li kien ikkonsma xi ghaxra.

Dwar din il-pjanta li kabbar l-imputat, l-Ispettur Malcolm Bondin jghid fix-xhieda tieghu illi ghalkemm l-imputat kien spjegalu li kien remiha, kien qallu li kellu ritratti taghha d-dar u jghid li huwa kien baghat lill-pulizija mal-imputat, li da parti tieghu, tah ir-ritratti li gew esebiti fuq *pendrive* fl-atti ta' dawn il-proceduri bhala Dok. MB7.[11] Jghid ukoll illi l-imputat qallu li l-pjanta kienet twila xi erba' piedi. Ix-xhieda tal-Ispettur Bondin giet ikkonfermata wkoll minn PC 10 Trevor Cassar Mallia li jghid illi l-imputat hadhom fir-residenza u li mill-*laptop* li kellu hemmhekk, nizzel zewg ritratti tal-pjanta fuq *pendrive*, liema *pendrive* ghaddiha lill-Ispettur Bondin. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-*pendrive* esebita fl-atti kienet

[11] Ara x-xhieda a fol. 19 tal-process.

l-istess wahda li fuqha l-imputat nizzel ir-ritratti minn fuq il-*laptop*.[12] L-Ispettur Bondin pprezenta tliet ritratti (Dok. MB9) tal-pjanta li gew zviluppati minn fuq il-*pendrive*[13] u wara li l-Qorti rat il-kontenut tal-*pendrive*, jirrizulta illi din tikkontjeni proprju l-istess ritratti li gew esebiti.

Issa m'hemmx dubbju mill-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll minn din ix-xhieda, illi l-imputat ikkultiva l-pjanta *cannabis* fiz-zmien li ghalih tirreferi din l-imputazzjoni u effettivament li din kienet il-pjanta *cannabis* jirrizulta car mhux biss minn dak li jghid l-imputat u r-ritratti esebiti, izda anke mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut li kkonstata li fi hdax mill-wiehed u ghoxrin borza li nstabu fil-pussess tal-imputat u li skond l-istess imputat, il-kontenut taghhom kien derivanti minn din il-pjanta li huwa kkultiva, kien hemm is-sustanza *Tetrahyrdocannabinol* ossia s-sustanza li tigi mill-pjanta tal-*cannabis*. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni wkoll tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Jirrizulta wkoll mill-provi mressqa, illi l-pjanta in kwistjoni kienet giet imkabbra mill-istess imputat ghall-uzu personali u esklussiv tieghu. Fl-ewwel lok, mill-provi prodotti jirrizulta car illi l-imputat kien huwa stess jaghmel uzu mill-*cannabis* u apparti minn dak li jghid l-imputat stess dwar dan il-vizzju tieghu, li skond hu, kien wiehed pjuttost qawwi, jirrizulta wkoll illi fil-kamra tas-sodda gewwa r-residenza f'Rahal Gdid instabet *grater* li fuq *swab* mehud minnha, instabet is-sustanza *Tetrahyrdrocannabinol*, erba' sigaretti u karti tal-brim u ghalkemm jidher li dawn kienu sigaretti normali ghaliex fil-fatt ma saret fuqhom l-ebda analizi mill-espert forensiku, dawn huma lkoll oggetti li jintuzaw fl-abbuz tal-*cannabis*. Li l-imputat imbaghad kellu l-vizzju tad-droga u anke droga ohra apparti l-*cannabis* jidher car mir-relazzjoni tal-Ufficjal tal-*Probation* u r-rapporti taghha sussegwenti, mil-liema jirrizulta li matul il-kumpilazzjoni tal-istess relazzjoni, kampjuni tal-urina tal-imputat irrizultaw posittivi ghal sustanzi lleciti, apparti li fil-mori tal-proceduri, l-imputat rega' beda jabbuza mid-droga, din id-darba kokaina. Il-Qorti tqis ukoll illi ghalkemm instabu numru ta' boroz bil-pjanta tal-*cannabis* gewwa r-residenza ta' Rahal Gdid, f'pizijiet simili hafna ghal xulxin, l-ispjegazzjoni li ta l-imputat dwar ir-raguni ghaliex kien qassam il-*cannabis* f'boroz, hija wahda valida fic-cirkostanzi u l-imputat baqa' konsistenti fil-verzjoni tieghu. In ogni caso, ghalkemm il-Prosekuzzjoni originarjament akkuzat lill-imputat bil-pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis*, biss dan l-aggravju gie irtirat biex ghalhekk l-imputat jinsab akkuzat biss bil-pussess semplici tal-pjanta tal-*cannabis*. Dan ifisser ghalhekk illi, apparti l-provi prodotti, anke mill-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputat, it-tieni

---

[12] Ara x-xhieda a fol. 40 tal-process.
[13] Dawn jinsabu esebiti a fol. 92 tal-process.

imputazzjoni tinkwadra fil-kultivazzjoni ghall-uzu personali u esklussiv tal-istess imputat.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tqis ukoll illi ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, "*Persuna li tinstab hatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita` zghira li ma taqbizx pjanta wahda, f'cirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet ghall-uzu personali m'ghandhiex tkun soggetta ghal terminu mandatorju ta' prigunerija u m'ghandhiex tkun soggetta ghall-eskluzjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' prigunerija previsti fil-ligijiet dwar id-droga*".

Ghaldaqstant, fil-waqt illi ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-reat ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis* huwa punibbli tassattivament b'terminu ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux izjed minn ghaxar snin flimkien ma' multa ta' mhux inqas minn €465.87 u mhux izjed minn €11,646.87, mill-banda l-ohra ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 hawn fuq citat, meta jirrizultaw ic-cirkostanzi hemmhekk indikati, il-piena ta' prigunerija ma tibqax wahda tassattiva u l-Qorti tista' minflok tqieghed lill-hati taht Ordni ta' *Probation* jew tikkundannah ghal sentenza ta' prigunerija sospiza.

Issa fil-kaz odjern, jirrizulta kif inghad illi l-pjanta in kwistjoni kienet ghall-uzu personali tal-imputat. Il-piz tas-sustanza fil-wiehed u ghoxrin borza li l-imputat hareg mill-pjanta li kkultiva jammonta ghal 17.41 grammi. Kif inghad izjed 'il fuq, mix-xhieda in kontro-ezami tal-imputat jirrizulta wkoll illi huwa b'kollox kien hareg madwar tletin pakkett u li sakemm gie arrestat, kien lahaq ikkonsma xi ghaxar pakketti.

Dwar l-applikabbilita` tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 f'dan il-kaz, il-Qorti qieset l-intenzjoni tal-legislatur meta ntroduca din id-disposizzjoni tal-ligi. Fil-fatt fl-istadju tat-tieni qari tal-abbozz in kwistjoni nhar id-9 ta' Dicembru 2014, l-Onor. Ministru Owen Bonnici qal hekk dwar l-istess disposizzjoni:

"Kemm jekk tikkultiva zokk żgħir u kemm jekk tikkultiva siġra, xorta hemm perjodu ta' priġunerija applikabbli, u din kienet inġustizzja kbira. Jekk għandek xi ħadd li għandu pjanta żgħira jrid imur il-ħabs bilfors u wieħed li mela l-bejt irid imur il-ħabs bilfors. Hemmhekk hemm inġustizzja li ma tagħmilx sens. Aħna qed ngħidu li meta qegħdin nitkellmu fuq pjanti tal-*cannabis*, min jipproduċi kwantità żgħira għall-użu personali mhux bilfors imur il-ħabs. Jekk għandi pjanta tal-*cannabis* li qed tipproduċi ammonti żgħar li jidher ovvju li huma għall-pussess tiegħi, f'dak il-każ mhux bilfors li wieħed irid imur il-ħabs, imma jista' jmur il-ħabs u jista' ma jmurx. Inħallu f'idejn il-qrati."

Tenut kont tal-intenzjoni tal-legislatur meta giet introdotta din id-disposizzjoni tal-ligi u tenut kont ukoll illi f'dan il-kaz jirrizulta car illi l-kultivazzjoni tal-pjanta in kwistjoni kienet intiza ghall-uzu personali u esklussiv tal-imputat, li jidher li kien jaghmel uzu regolari u ta' kuljum mill-*cannabis*, il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi tal-kaz, ghandha tapplika dan l-artikolu tal-ligi u tezercita d-diskrezzjoni taghha li ma tapplikax piena ta' prigunerija tassattiva.

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta tal-*cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif inghad, il-Prosekuzzjoni rtirat l-aggravju tal-pussess f'din l-imputazzjoni biex ghalhekk l-imputat jinsab akkuzat bil-pussess semplici tal-pjanta tal-*cannabis*. Mill-provi prodotti, kif ikkunsidrati izjed 'il fuq, din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tar-raba' imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina u dan b'referenza ghad-19 ta' Settembru 2012 u s-sena ta' qabel din id-data. F'dan ir-rigward, mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija, jirrizulta illi fil-pussess tieghu l-imputat kellu borza tal-plastik trasparenti li kien fiha trab ta' lewn abjad u mill-konkluzjonijiet tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi dan it-trab, bil-piz ta' 0.12 grammi, instabet fih is-sustanza kokaina, b'purita` ta' cirka 28%. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi ma jiftakarx meta ha l-ahhar id-droga kokaina, ghaliex hadha biss okkazzjonalment u li l-ewwel darba li kien hadha kien xi sena qabel. Ikkonferma wkoll illi l-borza bit-trab abjad li nstabet fil-kamra tas-sodda gewwa l-fond f'Rahal Gdid kienet tieghu. Ghalkemm l-Ispettur Bondin fix-xhieda tieghu, jghid ukoll illi l-imputat qallu li din kien nesiha ghaliex kien ilu ma jabbuza mis-sustanza kokaina[14], biss kif inghad, l-imputazzjoni tirreferi mhux biss ghad-19 ta' Settembru 2012, izda wkoll ghas-sena ta' qabel din id-data u ghaldaqstant, tenut kont li l-imputat jghid illi l-ewwel darba li huwa kien ha l-kokaina kienet xi sena qabel u li fil-pussess tieghu nstabet proprju s-sustanza kokaina, din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tal-hames imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll bil-pussess tad-droga eroina. F'dan ir-rigward, fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid illi huwa jabbuza mill-eroina, l-ahhar li kien ha minn din id-droga kien xi xahar qabel u li kien ilu jiehu minnha xi sena u nofs. Jghid ukoll illi juza l-eroina billi jittaqqab. Stante illi din l-imputazzjoni wkoll tirreferi ghad-19 ta' Settembru 2012 u ghas-sena ta' qabel din

[14] A fol. 19 tal-process.

id-data, ghaldaqstant din ukoll tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset fl-ewwel lok il-fedina penali aggornata tal-imputat, esebita flimkien mas-*social inquiry report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* li minnha jirrizulta illi l-imputat gie kkundannat dwar serq aggravat bil-hin, dwar liema huwa nghata liberazzjoni kundizzjonata u dwar pussess semplici ta' droga eroina u *cannabis*, dwar liema huwa nghata liberazzjoni kundizzjonata u tqieghed taht Ordni ta' *Probation* rispettivament.

Qieset ukoll illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta kemm mill-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur f'dan il-kaz. Ikkunsidrat anke is-*Social Inquiry Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation,* ix-xhieda taghha u anke ir-rapporti tat-13 ta' Ottubru 2015 u tal-14 ta' Dicembru 2015, li bihom aggornat lill-Qorti dwar is-sitwazzjoni tal-imputat u li sad-data ta' dan l-ahhar rapport jidher illi ghalkem l-imputat kellu *relapse* u rega' beda jabbuza mid-droga, minn jeddu fittex l-ghajnuna u sa dakinhar tal-istess rapport kien jinsab gewwa d-*Dual Diagnosis Unit*, bl-ghan li jidhol f'*shelter* fi hdan l-Agenzija Caritas.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, qieset ukoll illi jirrizulta car illi l-importazzjoni taz-zerriegha tal-*cannabis* kienet intiza ghall-uzu personali tal-imputat u ghaldaqstant ghandu japplika l-proviso tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta skond liema, meta l-importazzjoni tkun f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni kienet ghall-uzu esklussiv tal-hati, id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* u l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma jghoddux. Fic-cirkostanzi ghalhekk u tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti izjed 'il fuq dwar it-tieni imputazzjoni u l-applikabilita` tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 f'dan il-kaz, il-Qorti tqis illi piena ta' sentenza sospiza tkun wahda idonea. In oltre, il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tat-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet III, IV, V u VI, l-Artikoli 8(c), 8(d), 10(1), 12, 15A, 22(1)(a), 22(1B), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17(b), (f) u (h) tal-Kap. 9 u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, b'dan illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, stante li l-aggravanti tal-pussess gie irtirat mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti qed issib htija biss fir-rigward tal-pussess semplici tal-pjanta tal-*cannabis* u qeghda ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-bqija tal-istess imputazzjoni fejn din tirreferi ghall-aggravanti tal-pussess u qed tikkundannah ghall-piena ta' **erbatax-il (14) xahar prigunerija** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi **sospiza ghall-perjodu ta' tlitt (3) snin mil-lum** u **multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht is-supervizjoni ta' ufficjal sorveljanti (Ordni ta' Supervizjoni) ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni hawn anness, liema Ordni ghandu jifforma parti minn din is-sentenza. Ghal dan il-ghan, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* u tigbed l-attenzjoni tal-istess illi sal-lum, il-hati kien qed jigi segwit fuq Ordni Provizorja ta' Supervizjoni.

Ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28G(8) tal-Kap. 9, il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-konsegwenzi legali kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, kif ukoll l-effetti tal-Ordni ta' Supervizjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti kemm f'dawn il-proceduri, kif ukoll fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-kaz u cioe` l-ispejjez relatati maz-zewg relazzjonijiet tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' hames mija u tliet Euro u sitta u tmenin centezmu (€503.86) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri, ammontanti ghas-somma ta' tmienja u sebghin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€78.53), liema spejjez b'kollox jammontaw ghas-somma ta' hames mija, tnejn u

tmenin Euro u disgha u tletin centezmu (€582.39) u ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mad-droga, esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, ossia z-zerriegha tal-*cannabis* u d-Dokumenti MB1, MB2, MB3, MB4 u MB7 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat